Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta' Frar 2001.

Avviz Nru: 1367/00

Air Malta p.l.c.

Vs

Mario Buontempo Tours Limited

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' disa' mija u hamsa u sebghin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmi (Lm975.23c)prezz ta' biljetti tal-ajru mibjugha u kkonsenjati lis-Socjeta' konvenuta.

Bl-interessi u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Settembru 2000, kontra s-socjeta' konvenuta ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat illi s-socjeta' konvenuta ghalkemm debitament notifikata ma baghtet ebda rapprezentant biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma pprezentat xi nota tal-eccezzjonijiet. Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament lil Paul Attard rapprezentant tal-kumpanija attrici u rat ukoll id-dokument minnu esebit issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-kumpanija konvenuta sabiex thallas lill-kumpanija attrici s-somma mitluba ta' disa' mija u hamsa u sebghin lira u tlieta u ghoxrin centezmi (Lm975.23c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mill-15 ta' Settembru 2000.

Bl-ispejjez kontra l-kumpanija konvenuta.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg